DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1117

tat-28 ta' Ġunju 2021

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (2021–2026)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), li ġie approvat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 450/2007 ([2]), daħal fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2007. Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontroparti finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gabon ([3]), iffirmat fl-24 ta' Lulju 2013 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll tal-2013"), skada fit-23 ta' Lulju 2016.

(2) Fit-22 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tibda negozjati mar-Repubblika tal-Gabon (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Gabon") sabiex tikkonkludi Protokoll ġdid. Dawn in-negozjati ntemmu kif xieraq u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (2021–2026) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll") ġie inizjalat fl-10 ta' Frar 2021.

(3) L-għan tal-Ftehim u tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni u l-Gabon jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u jippermettu użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gabon u fl-Oċean Atlantiku, filwaqt li jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fis-settur tas-sajd.

(4) Jenħtieġ li l-Protokoll jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun, minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Gabon u n-neċessità li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet wara l-iskadenza tal-Protokoll tal-2013.

(5) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat u applikat b'mod provviżorju, sa meta jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (2021-2026) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll") huwa awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll ([4])

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

([1]) ĠU L 109, 26.4.2007, p. 3.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 450/2007 tas-16 ta' April 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (ĠU L 109, 26.4.2007, p. 1).
([3]) ĠU L 250, 20.9.2013, p. 2.
([4]) It-test tal-Protokoll huwa ppubblikat fi ĠU L 242, 8.7.2021.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu japplika fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu ([5]), sa meta jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha..

Magħmul fil-Lussemburgu, it-28 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
M. do C. ANTUNES

([5]) Id-data li minnha l-Protokoll ser ikun applikat fuq bażi provviżorja tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.